# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar 2016**

**Numru**

**Rikors maħluf numru 1778/00 JZM**

**Stephen Galea**

**v.**

**Frans Farrugia, Raymond Vassallo, John Abdilla,**
**Godfrey Borg u Malta Drydocks,**
**u b'dikriet tas-27 ta' Frar 2004 Saviour Gauci,**
**Direttur Ġenerali (Operations) fil-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi assuma l-atti flok Malta Drydocks**
**u b'dikriet ieħor tal-21 ta' Mejju 2010 Joseph Croker f'isem il-Gvern ta' Malta bħala suċċessur tal-Malta Drydocks issostitwixxa lil Saviour Gauci fil-kwalità tiegħu premessa**
**u b'digriet tad-9 ta' Ġunju 2014 Claude Cuschieri assuma l-atti minflok Joe Croker**
**ghan-nom tal-Gvern ta' Malta bhala successur tal-Malta Drydocks**

1. Dan il-provvediment huwa dwar deżerzjoni ta' appell. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'rikors tad-19 ta' April 2010 l-attur kien appella mis-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad u l-konvenuti bit-tweġiba tagħhom tal-14 ta' Mejju 2010 ressqu appell inċidentali. Din il-Qorti iffissat is-smigħ tal-appell għas-17 ta' Ġunju 2013, iżda billi sa dakinhar l-attur appellant kien għadu ma hu notifikat la bl-avviż tas-smigħ u lanqas bl-avviż għall-ħlas tal-kawtela, is-smigħ ġie differit, u baqa' kemm-il darba jiġi differit għall-istess raġuni, sakemm fit-28 ta' April 2014 il-Qorti iddifferiet l-appell ewlieni *sine die* u iffissat is-smigħ tal-appell inċidentali għad-9 ta' Ġunju 2014. L-appell inċidentali wkoll ma setax jibda jinstema', u baqa' jiġi differit, għax l-attur baqa' ma ġiex notifikat bl-avviż tas-smigħ u kien biss fit-28 ta' Jannar 2015 illi l-attur eventwalment ġie notifikat bl-avviż tas-smigħ tal-appell inċidentali.

3. Sadanittant, sat-28 ta' Ottubru 2014 – sitt xhur wara l-jum li fih l-appell ewlieni kien ġie differit *sine die* – baqa' ma sar ebda rikors biex l-appell ewlieni jerġa' jitqiegħed fuq il-lista għas-smigħ u dak l-appell għalhekk intlaqat bid-dispożizzjonijiet tal-Artt. 963, 964(1) u 967 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> "**963.** (6) … … … Fil-Qorti fi grad ta' appell, bid-deżerzjoni jispiċċa l-appell, u s-sentenza appellata ssir ġudikat.
>
> "**964.** (1) Kull kawża li jkun hemm f'Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili li, wara li tkun ġiet mressqa għas-smigħ, tiġi, b'ordni tal-Qorti, differita *sine die* jew xort'oħra sospiża għandha titqies bħala deżerta sakemm ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-Qorti fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur minn meta tkun hekk ġiet differita jew sospiża jew ikun ġie ppreżentat fil-Qorti rikors, f'dak il-perjodu, biex tiġi appuntata mill-ġdid:

> "… … …
>
> "(2) Kawża tiġi appuntata mill-ġdid jew mill-Qorti fuq il-mozzjoni tagħha stess jew wara rikors ta' waħda mill-partijiet.
>
> "**967.** Id-deżerzjoni, taħt l-artikoli 963 u 964, titqies li ġrat fil-jum li fih jagħlaq iż-żmien stabbilit f'dawk l-artikoli; … … …"

4. L-appell ewlieni għalhekk tqies deżert *ipso iure* b'seħħ mit-28 ta' Ottubru 2014.

5. Ġara iżda illi fis-seduta tat-2 ta' Frar 2015 tniżżel dan il-verbal:

> "Meta ssejjaħ l-appell deher Dr Tonio Azzopardi għall-appellant Stephen Galea li ġie notifikat bl-avviż tas-smigħ u bl-avviż tal-kawtela fit-28 ta' Jannar 2015 u għalhekk it-terminu għall-garanzija għadu qed jiddekorri favurih.
>
> "… … …
>
> "Il-Qorti tiddifferixxi l-appell għas-16 ta' Frar 2015 fid-9.30 *a.m.* sabiex jiġi kawtelat l-appell … … …"

6. Fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2015 imbagħad tniżżel dan il-verbal:

> "Peress illi jidher illi Stephen Galea jsostni illi l-appell tiegħu li kien mar *sine die* ġie ri-appuntat, iżda mill-atti ma jirriżultax li qatt saret talba għar-ri-appuntament li ġiet milqugħa minn din il-Qorti, il-Qorti tiddifferixxi l-appell għal informazzjoni ulterjuri dwar l-allegat ri-appuntament għall-14 ta' Diċembru 2015 fid-9.30*a.m.*"

7. B'rikors tat-30 ta' Novembru 2015 l-attur qal hekk:

> "illi l-esponent jixtieq illi din l-onorabbli Qorti tkopmpli bis-smigħ tal-appell tiegħu f'dina l-kawża li tinsab differita għall-14 ta' Diċembru 2015, liema appell kien differit *sine die*:
>
> "Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-onorabbli Qorti jogħġobha tirriappunta l-appell tiegħu biex jiġi trattat flimkien mal-appell inċidentali tal-konvenuti u jiġi deċiż."

8. Fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2015 kompla tniżżel dan il-verbal:

> "Dr Pawlu Lia u Dr Phyllis Aquilina ghall-konvenuti appellanti inċidentalment jissottomettu li l-appell ta' Stephen Galea mar deżert skont il-liġi u dan a tenur tal-artt. 964 u 967 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.
>
> "Dr Tonio Azzopardi għal Stephen Galea jirribatti illi kif jirriżulta bl-aktar mod ċar mill-verbal tat-2 ta' Frar 2015, li hu kważi-kuntratt, din l-onorabbli Qorti ddifferiet l-appell "sabiex jiġi kkawtelat l-appell f'liema eventwalità l-appell jiġi differit għall-provvediment dwar l-eċċezzjoni ta' rikuża". Għalhekk jissottometti illi skont din id-direttiva ċara tal-Qorti ma kellux għalfejn jintalab ri-appuntament ta' proċedura li huma [*recte*, li hija] *in corso* u huwa kontro-sens li wieħed jitlob ri-appuntament ta' xi ħaġa li l-Qorti qiegħda tismagħha u tidderiġiha"

9. L-argumenti tal-attur jidher li huma tnejn: l-ewwel argument huwa illi ma ntalabx ri-appuntament b'rikors fiż-żmien li tagħti għalhekk il-liġi għax dak ir-rikors ma kienx meħtieġ ladarba l-proċeduri relattivi kienu għaddejjin jew *in corso*, kif sejħilhom hu; l-argument l-ieħor hu illi, ladarba ma jistax jiġi kawtelat appell deżert, mela l-verbal tat-2 ta' Frar 2015, li bis-saħħa tiegħu s-smigħ ġie differit għall-kawtela tal-appell ewlieni, juri illi dakinhar l-appell ewlieni ma kienx deżert. Jgħid ukoll illi dak li tniżżel fil-verbal jorbot għax il-verbali huma "kważi kuntratti".

10. L-ewwel argument tal-attur huwa żbaljat għax dak li kien qiegħed jinstema' quddiem il-Qorti kien l-appell inċidentali tal-konvenuti u mhux l-appell ewlieni tal-attur: l-appell ewlieni ma kienx *in corso*. L-attur stess wara kollox espressament jammetti dan u jwaqqa' l-argument tiegħu meta fir-rikors tat-30 ta' Novembru 2015 jitlob illi l-Qorti "tirriappunta l-appell tiegħu".

11. L-attur qiegħed jgħid ukoll illi l-fatt illi l-appell tiegħu seta' jiġi kawtelat ifisser illi ma kienx deżert.

12. Huwa minnu illi d-differiment mogħti fit-2 ta' Frar 2015 "sabiex jiġi kawtelat l-appell" jippresupponi illi l-appell għadu "ħaj". Dik il-presuppożizzjoni iżda kienet żbaljata għax l-art. 967 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif rajna, jgħid illi "d-deżerzjoni, taħt l-Artikoli 963 u 964, [fil-każ tallum taħt l-art. 964] titqies li ġrat fil-jum li fih jagħlaq iż-żmien stabbilit f'dawk l-artikoli", i.e. fit-28 ta' Ottubru 2014. L-art. 963(6) jgħid imbagħad illi "fil-Qorti fi grad ta' appell, bid-deżerzjoni jispiċċa l-appell, u s-sentenza appellata ssir ġudikat". Fit-28 ta' Ottubru 2014 għalhekk l-appell kien "spiċċa" u s-sentenza tal-ewwel grad saret *res iudicata*. Il-verbal ma għandux is-saħħa li jerġa' jagħti l-ħajja lil appell li jkun "spiċċa", u li kieku l-iżball baqa' ma nkixifx u l-appell ewlieni baqa' jinstema' u ngħatat sentenza dwaru kuntrarja għas-sentenza li saret *res iudicata*, is-sentenza fuq l-appell ewlieni kienet tista' titħassar taħt l-art. 811(*h*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

13. Il-Qorti għalhekk tiddikjara illi d-deżerzjoni tal-appell ewlieni seħħet *ipso iure* fit-28 ta' Ottubru 2014 taħt l-artt. 964(1) u 967 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u dakinhar l-appell spiċċa, u s-sentenza tal-ewwel grad saret *res iudicata*,

taħt l-art 963 tal-istess Kodiċi, bla ħsara għall-appell inċidentali tal-konvenuti.

14. Tordna li jitkompla s-smigħ tal-appell inċidentali.

15. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df